# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' April, 2023.**

**Numru 7**

**Rikors numru 612/15/1 JPG**

**Raymond Cassar**

**v.**

**Montekristo Vineyards Limited (C-32424)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija konvenuta minn żewġ sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: l-ewwel waħda mogħtija fis-16 ta' Mejju, 2016, fejn din sabet li kellha l-kompetenza *ratione materiae* sabiex tisma' din il-kawża; u t-tieni waħda mogħtija fit-18 ta' Ottubru, 2018 fejn din ikkundannat lill-kumpanija

konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €12,384.34, bl-imgħax fuq din is-somma mis-7 ta' Lulju, 2015 sal-jum tal-ħlas.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-24 ta' Ġunju, 2015, l-attur fisser li huwa kien ġie impjegat mal-kumpanija konvenuta Montekristo Vineyards Limited bħala institur tal-bejgħ (*sales manager*). Dan l-impjieg ġie fi tmiemu fit-30 ta' Settembru, 2014, wara li Montekristo Vineyards Limited għaddiet in-negozju tagħha lil Montekristo Direct Ltd u b'hekk l-impjieg tiegħu għadda mal-kumpanija Montekristo Direct Ltd. L-attur spjega li skont il-kuntratt ta' impjieg huwa kellu jirċievi l-kummissjonijiet fuq il-bejgħ mingħand il-kumpanija konvenuta. Żied jgħid, li sal-aħħar ta' Settembru 2014, kien inġema' t-total ta' €12,384.34 f'kummissjonijiet dovuti lilu. Billi iżda l-kumpanija konvenuta baqgħet ma ħallsitux huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«a) Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba, bid-dispensa għas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *b) Tiddikjara illi r-rikorrent għandu jitħallas mis-soċjetà intimata s-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u erbgħa u tmenin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€12,384.34), bilanċ minn somma akbar u rappreżentanti commissions on sales lilu dovuti ai termini tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu.*
>
> *ċ) Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u erbgħa u tmenin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€12,384.34) għar-raġunjiet hemm fuq indikati.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà intimata u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, liema soċjetà intimata hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.»*

3. B'digriet mogħti waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju, 2015, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-każ m'għandux jinstema' bil-proċedura sommarja u għalhekk tat lill-kumpanija konvenuta għoxrin jum żmien sabiex tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha.

4. Fit-30 ta' Lulju, 2015, il-kumpanija konvenuta ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha fejn qalet: (i) li preliminarjament, l-azzjoni tal-attur hija nulla għaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex kompetenza *ratione materiae* biex tisma' l-kawża; (ii) li hija mhix kontradittur leġittimu għat-talbiet tal-attur għaliex hija l-kumpanija Montekristo Direct Limited li għandha twieġeb għat-talbiet tiegħu; (iii) li hija qatt ma qablet li għandha tħallas lill-attur xi kummissjonijiet u lanqas ħallsitu xi kummissjonijiet; u (iv) li hija mhix midjuna mal-attur u li dan tal-aħħar jeħtieġlu jġib prova tal-allegazzjonijiet li kien qiegħed jagħmel.

5. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju, 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta. Ir-raġunijiet li wassluha biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

*«Din il-kawża tikkonċerna talba għall-ħlas ta' commissions illi r-rikorrent jallega li baqgħu ma tħallsux lilu, u dan wara illi s-soċjetà intimata kienet obbligat ruħha fil-kuntratt ta' impieg tiegħu illi tħallsu "[c]ommissions on sales...once money is received from the sales" ad esklużjoni tal-ewwel sitt elef Ewro illi jagħmel ir-rikorrent, li ma jkunux eliġibbli għall-ħlas ta'*

*commission. Ġara illi r-rikorrenti, li kien impjegat mas-soċjetà intimata, kellu l-impieg tiegħu trasferit għal mas-soċjetà Montekristo Direct Limited in vista ta' Transfer of Undertaking li seħħ fl-1 ta' Ottubru 2014, iżda, skont hu, s-soċjetà intimata baqgħat ma ħallsitux il-commission li kellha tħallsu qabel ma ġie trasferit.*

*Is-soċjetà intimata min-naħa tagħha eċċepiet preliminarjament illi l-azzjoni proposta mir-rikorrenti hija nulla peress illi din il-Qorti hija inkompetenti ratione materiae għaliex il-kawża hija bbażata fuq ksur tal-kondizzjonijiet tal-impieg u għalhekk il-każ jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Ir-rikorrent jirribatti għal din l-eċċezzjoni billi jargumenta illi l-azzjoni de quo tikkonsisti f'money claim minħabba ksur ta' termini kuntrattwali pattwiti bejn il-partijiet.*

*L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 jiddefinixxi t-terminu "kondizzjonijiet tal-impieg" b'dan il-mod:*

> *"kondizzjonijiet tal-impieg" tfisser pagi, il-perjodu tal-impieg, is-sigħat tax-xogħol u l-leave u tinkludi kull kondizzjoni li għandha x'taqsam mal-impieg ta' xi impjegat taħt kuntratt ta' servizz inklużi l-benefiċċji li joħorġu minnu, it-termini tal-impieg, it-termini ta' parteċipazzjoni fix-xogħol, il-ftehim dwar il-mod kif jiġi terminat xi impieg u l-metodu ta' kif differenzi li jistgħu jinqalgħu bejn il-partijiet fil-ftehim jistgħu jintemmu;*
>
> *Iżda ma tinkludix etika professjonali li toħroġ mir-relazzjoni professjonali bejn prinċipal u impjegat."*

*Minn qari ta' din id-definizzjoni l-Qorti tifhem illi dak li jikkostitwixxi kondizzjonijiet tal-impieg ta' impjegat taħt kuntratt t'impieg għandu jingħata interpretazzjoni aktar restrittiva minn dak li jikkostitwixxi kondizzjonijiet tal-impieg ta' persuna taħt kuntratt ta' servizz. Għalhekk il-Qorti tagħraf illi fil-każ ta' impjegat ta' kuntratt ta' impieg, dawk l-affarijiet li jaqgħu taħt kondizzjonijiet ta' impieg huma l-paga, il-perijodu tal-impieg, is-sigħat tax-xoghol u l-leave biss.*

*F'dan il-każ ma jidhirx ikkontestat illi r-relazzjoni ġuridika tal-kontendenti hija bbażata fuq kuntratt ta' impieg u mhux kuntratt ta' servizzi, tant illi s-soċjetà intimata stess tirreferi għall-kuntratt konkluż bejnha u bejn ir-rikorrent bħala 'kuntratt ta' impieg'. Konsegwentement, huma biss il-paga, il-perijodu tal-impieg, is-sigħat tax-xogħol u l-leave li għandhom jiġu kkonsidrati bhala kondizzjonijiet tal-impieg fil-każ odjern.*

*Imbagħad, paga tiġi definita fl-istess Artikolu b'dan il-mod:*

> *"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni"*

*Il-każ in eżami jikkonċerna l-ħlas ta' commission pattwita lir-rikorrenti*

*mis-soċjetà intimata. Din il-commission tkun pagabbli fil-każ illi r-rikorrenti jekk ikun għamel bejgħ għal valur ta' mill-inqas sitt elef ewro f'dawk ix-xhur, u tiġi ikkalkolata fuq l- ammont verjuri għal dawk l-ewwel sitt elef Ewro. Ir-rikorrenti wkoll m'huwiex eliġibbli għal ħlas ta' commission fil-każ illi l-bejgħ li jagħmel ikun lil klijenti li fihom Polidano Group għandu interess jew klijenti oħra maġġuri li huma klijenti diretti.*

*Il-Qorti tqis illi huwa ċar illi l-ħlas ta' commission huwa direttament relatat mal-esekuzzjoni tax-xogħol tar-rikorrenti. Fil-fatt, fil-każ illi r-rikorrent ma jilħaqx ċertu kwota ta' bejgħ, lanqas biss ikun intitolat għal ħlas ta' commission fuq il-bejgħ li jagħmel.*

*Konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma illi l-ħlas ta' commission ma jaqax entro l-parametri ta' kondizzjonijiet tal-impieg f'każ ta' persuna li tkun impjegata taħt kuntratt ta' impieg, u talba għal ħlas ta' commission mhux imħallsa għalhekk għandha tiġi meqjusa bħala money claim bbażata fuq ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, u mhux bħala azzjoni bbażata fuq il-kondizzjonijiet tal-impieg. Għaldaqstant l-azzjoni tar-rikorrenti taqa' taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti u mhux tat-Tribunal Industrijali.*

*Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata u tiddikjara li din il-Qorti hija kompetenti ratione materiae sabiex tiddisponi minn dan il-każ.»*

6. Imbagħad, b'sentenza finali tat-18 ta' Ottubru, 2018, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi: (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpanija konvenuta u astjeniet milli tqis l-ewwel talba tal-attur biex il-kawża tinstema' bil-proċedura sommarja; (ii) laqgħet il-bqija tat-talbiet kollha tal-attur; u (iii) ikkundannat lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €12,384.34, bħala kummissjonijiet fuq il-bejgħ dovuti lilu skont il-kuntratt ta' impjieg tiegħu, bl-imgħax fuq din is-somma mis-7 ta' Lulju, 2015 sal-jum tal-ħlas.

7. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

*«Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha, is-soċjetà intimata eċċepiet illi mhijiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrent għaliex semmai din l-azzjoni kellha tiġi diretta kontra s-soċjetà Montekristo Direct Limited in vista tat-Transfer of Undertaking li seħħ fl-1 ta' Ottubru 2014. Is-soċjetà intimata argumentat illi skont il-liġi, meta jsir transfer of undertaking, is-soċjetà l-ġdida tidħol għall-obbligi u d-drittijiet kollha li jkun hemm fir-rigward tal-impjegati eżistenti. Ir-rikorrent min-naħa tiegħu jargumenta f'dan ir-rigward illi skont it-TUPE, sakemm ma jkunx hemm esklużjoni speċifika, ir-responsabbilità hija tat-tnejn. Argumenta illi skont it-TUPE Regulations, il-kumpanija responsabbli għall-pretensjoni odjerna tar-rikorrenti hija proprju s-soċjetà intimata, u kien għalhekk li l-kawża ġiet intavolata kontra s-soċjetà intimata u mhux kontra Montekristo Direct Limited.*

*...*

*Hemm qbil bejn il-partijiet illi fl-1 t'Ottubru 2014 sar trasferiment ta' negozju bejn is-soċjetà intimata u Montekristo Direct Limited u li għalhekk il-liġi applikabbli fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni hija L.S. 452.85: Regolamenti Dwar Ħarsien Tal-Impiegi fit-Trasferiment ta' Negozju.*

*Il-Qorti rat illi din il-leġislazzjoni sussidjarja kienet ġiet emendata fit-30 ta' Diċembru 2014 permezz tar-Regolamenti tal-2014 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment tan-Negozju (A.L. 483 tal-2014). Qabel din l- emenda, ir-regolament relevanti ta' L.S. 452.85, u ċjoè 3A kien jipprovdi illi:*

> *"Wara trasferiment, il-kuntratt tal-impieg ta' kull persuna li kienet ġiet impjegata minn min qed jittrasferixxi għandu jkollu effett daqs li kieku sar oriġinarjament bejn il-persuna hekk impjegata u l-persuna li qed tirċievi t-trasferiment.*
>
> *(2) Mat-tlestija tat-trasferiment, id-drittijiet, is-setgħat, l-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha ta' min jittrasferixxi, u li joħorġu minn jew huma konnessi ma' xi kuntratt tal-impieg kif imsemmi fis-subregolament (1) għandhom jiġu trasferiti lil min jirċievi t-trasferiment:*
>
> *Iżda min jittrasferixxi għandu jirrifondi lil min jirċievi t-trasferiment għal ħlas ta' xi bonuses statutorji u income supplements skont il-liġi li huma relatati mal-perjodu fl-impjieg ma' min jittrasferixxi iżda li l-ħlas tagħhom jaqa' f'data meta l-impjegat ikun l-impjegat ta' min jirċievi t-trasferiment, u ħlas għad-dritt tal-leave annwali fuq bażi pro rata li ma jkunx ittieħed fil-perjodu tal-impjieg ma' min jittrasferixxi fir-rigward ta' dak il-perjodu li matulu min jittrasferixxi kien il-prinċipal, filwaqt illi min qed jitrasferixxi għandu jkollu d-dritt illi jiġi rrimborsat minn min qed jirċievi t-trasferiment fir-rigward ta' xi leave annwali li jkun ingħata lill-impjegat minn min qed jitrasferixxi qabel id-data ta' trasferiment illi jkun qabeż, bħala ammont, l-intitolament prorata tal-leave annwali sad-data tat- trasferiment..."*

*Wara l-emendi però, żdied ir-regolament 3B, skont liema:*

> *"Min jittrasferixxi għandu jħallas u jonora kull debitu li hu dovut lil impjegati affetwati bit-trasferiment fir-rigward tar-relazzjoni ta' impieg li għandhom ma' min jittrasferixxi fir-rigward ta' pagi, pro rata bonuses u weekly allowances dovuti sat-tmiem tar-relazzjoni ta' impieg ma' min jittrasferixxi, sad-data tal-ħlas ta' pagi li jkun imiss u li tkun immedjatament wara it-trasferiment tan-negozju jew ta' parti min-negozju li kienet ser tkun id-data tal-ħlas ta' pagi li jkun imiss kieku l-impjegati konċernati baqgħu f'relazzjoni ta' impieg ma' min jittrasferixxi."*

*Jidher għalhekk illi l-posizzjoni inbidlet drastikament permezz tal-emendi tal-2014. Peress illi dawn l-emendi daħlu fis-seħħ xi żmien wara li seħħ it-trasferiment ta' negozju bejn is-soċjetà intimata u Montekristo Direct Limited, għandu jiġi eżaminat liema posizzjoni hija applikabbli għal dan il-każ.*

*Skont l-artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni:*

> *"Kull liġi magħmula wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att bis-saħħa ta' setgħa mogħtija b'xi Att mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att tista', kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju fl-Att li jagħti dik is-setgħa, tkun retroattiva għal kull data li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ ta' dak l-Att jew, meta disposizzjonijiet differenti tiegħu jkunu jibdew iseħħu f'dati differenti, li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ tad-disposizzjoni li bis-saħħa tagħha ssir il-liġi sussidjarja."*

*L-artikolu tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li jagħti lill-Ministru responsabbli s-setgħa li jagħmel regolamenti taħt l-istess Att huwa l-artikolu 48 (2) li jipprovdi illi:*

> *"Il-Ministru jkollu s-setgħa li jagħmel regolamenti biex jitwettqu u jingħataw effett kull diżpożizzjoni ta' dan l-Att fuq kull materja li għandha x'taqsam ma' relazzjonijiet ta' impieg u ma' relazzjonijiet industrijali."*

*Is-sub-inciż (3) imbagħad jikkjarifika illi:*

> *"Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa mogħtija bis-subartikolu (2), ir-regolamenti jistgħu –*
>
> *(a) jippreskrivu l-mod u ċ-ċirkostanzi li fihom persuni li jkunu 'l fuq mill-età obbligatorja għall-iskola, kif imfisser fl-Att dwar l-Edukazzjoni, u li ma jkunux għadhom għalqu t-tmintax-il sena, jistgħu jaħdmu, inkluża s-setgħa li ċerti kategoriji jew klassijiet ta' impieg jiġu dikjarati bħala impiegi projbiti għal dawn il-persuni;*
>
> *(b) jippreskrivu dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, inkluż il-mod li bih issir il-votazzjoni u li jimtela l-post ta' xi membru li jitbattal, il-mod li bih jitmexxa x-xogħol u l-quorum meħtieġ għal dan ix-xogħol;*
>
> *(ċ) jippreskrivu d-drittijiet li għandhom jitħallsu dwar kull ħaġa meħtieġa jew li tista' ssir skont dan l-Att;*

> *(d) jippreskrivu jew mod ieħor jipprovdu għal kull ħaġa li għandha jew tista' tiġi preskritta jew provdut għaliha b'dan l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu."*

*Fil-fehma tal-Qorti ma jidhirx illi l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ma jagħtix setgħa lill-Ministru responsabbli li jagħmel liġi sussidjarja b'effett retroattiv. Għalhekk il-liġi applikabbli hija l-liġi kif emendata.*

*Skont ir-regolament 3B, il-kumpanija responsabbli għall-ħlas ta' pagi, pro rata bonuses u weekly allowances dovuti sat-tmiem ta' relazzjoni t'impjieg bejn is-soċjetà li qed titrasferixxi u l-impjegat hija s-soċjetà li qed titrasferixxi. Il-Qorti rat illi l-pretensjoni tar-rikorrent tiratta dwar commissions li kienu jinħadmu pro rata skont il-valur tal-bejgħ li kien jagħmel, sa Settembru 2014. Għalhekk huwa ċar illi skont il-liġi, il-kumpanija li għandha twieġeb għal din l-azzjoni hija s-soċjetà intimata.*

*Għaldaqsant it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà intimata qed tiġi miċħuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Fil-mertu s-soċjetà intimata teċċepixxi illi hija qatt ma qablet li tħallas commissions lir-rikorrent u lanqas jirriżulta li qatt ħallset xi commissions. Fit-trattazzjoni tiegħu, l-abbli difensur tas-soċjetà intimata jargumenta illi skont il-liġi Maltija, il-kuntratt verbali wkoll jorbot lill-partijiet u għalhekk m'għandux mis-sewwa illi r-rikorrent jistrieħ fuq il-kuntratt t'impjieg preżentat in atti. Fir-rigward tal-kuntratt t'impjieg tar-rikorrent, is-soċjetà intimata targumenta illi l-fatt li Dr. Albert Caruana kellu posizzjoni ta' manager fil-kumpanija ma jfissirx li kellu r-rappreżentanza legali tal-kumpanija, u tgħid illi dan fil-fatt ma jirriżultax mill-atti preżentati mir-rappreżentant tal-MFSA. Skont is-soċjetà intimata għalhekk, ġaladarba r-rikorrent ma rnexxilux jipprova illi Dr. Albert Caruana kellu r-rappreżentanza legali tal-kumpanija, it-talba tiegħu ma tistax tiġi milqugħa.*

*...*

*Illi għalhekk is-soċjetà intimata ma tistax tippretendi illi l-Qorti tiskarta l-kuntratt t'impjieg preżentat in atti għaliex is-sistema legali tagħna tirrikonoxxi illi kuntratt verbali jista' wkoll jorbot lill-partijiet. Kif intqal fil-ġurisprudenza hawn fuq ċitata, kontra l-miktub mhijiex ammissibli prova orali, u dan speċjalment meta dan il-kuntratt verbali msemmi fit-trattazzjoni ma ssemmiex fir-risposta ġuramentata u ma ġew preżentati l-ebda provi fuqu. Kif inhuwa risaput, quod non esti in acti non est in mundo.*

*Fir-rigward tal-argument relatat mal-posizzjoni ta' Dr. Albert Caruana, il-Qorti rat illi skont ix-xhieda ta' Dr. Caruana, huwa kien ġie struzzjonat minn Charles Polidano u Tony Polidano sabiex jirrediġi kuntratt t'impjieg għar-rikorrent. Dr. Caruana xehed fir-rigward tal-kuntratt illi*

*dan kien wieħed standard għas-sales person, li kien ġie approvat mill-Bord tad-Diretturi. L-istess xhud spjega wkoll illi kien ġie miftiehem minn Bord kompost minnu, Dr. George Said u Tony Polidano, illi minflok jibqgħu isiru kuntratti t'impjieg fejn salespersons jingħataw paga fissa biss, il-kuntratti jibdew isiru b'tali mod illi r-remunerazzjoni tas-sales persons tkun tikkonsisti f'paga minima u ħlas ta' commissions skont il-bejgħ li jkun għamel dak is-sales person partikolari. Fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda ta' Dr. Caruana hija kredibbli u verosimili; ix-xhud żamm ferm il-verżjoni tiegħu fid-darbtejn li ġie prodott biex jixhed, u minn naħa tagħha s-soċjetà intimata ma produċiet l-ebda xhud li b'xi mod ikkontradixxa l-verżjoni ta' Dr. Caruana. Fil-fatt, il-Qorti tinnota illi għalkemm il-posizzjoni tas-soċjetà intimata kienet illi hija ma kinitx tat il-kunsens tagħha illi r-rikorrent jitħallas xi commissions, u wara li r-rikorrenti produċa kopja tal-kuntratt t'impjieg tiegħu fl-istadji inizzjali tal-kawża, is-soċjetà intimata kurjożament għażlet li ma tipproduċi lill-ebda wieħed mid- diretturi tagħha sabiex ikun jista' jagħti l-verżjoni tiegħu dwar x'suppost kienu l-kondizzjonijiet t'impjieg tar-rikorrent, jew imqar min impjegah.*

*Huwa stran ukoll illi fit-trattazzjoni tagħha, is-soċjetà intimata ħadet il-posizzjoni illi Dr. Albert Caruana ma kellux is-setgħa li jidher fuq kuntratti u jorbot lill-kumpanija, meta fir-risposta ġuramentata tagħha kkonfermat illi r-rikorrent huwa impjegat tagħha. Għaliex jekk Dr. Albert Caruana ma kellux is-setgħa li jorbot lis-soċjetà intimata kontrattwalment, dak li jsegwi loġikament mhuwiex illi waħda biss mill-klawsoli tal-kuntratt in kwistjoni ma torbotx lis-soċjetà intimata, iżda proprju illi l- kuntratt sħiħ ma jorbotx lill-kumpanija.*

*Anke kieku kellu jiġi aċċettat illi Dr. Albert Caruana ma kellux ir-rappreżentenza legali tas-soċjetà intimata, il-Qorti tqis illi xorta waħda l-eċċezzjonijiet fil-mertu tas-soċjetà intimata huma infondati. Il-Qorti tagħraf illi hija massima bażika tal-liġi illi l- kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-buona fede u hija massima wkoll importanti tal-proċedura li omnia praesumuntur rite et solemniter esse acta. Biex din l-aħħar imsemmija preżunzjoni ma tavverrax ruħha, ikun irid jiġi pruvat jew li t-terza persuna kienet ben konxja li min kien qed jidher fuq il-kuntratt għan-nom tal-kumpanija ma kellux l-awtorizzazzjoni meħtieġa mir-regolamenti interni tal-kumpannija, biex jorbot lill-istess kumpannija jew inkella jkunu jirriżultaw ċirkostanzi partikolari li raġonevolment kellhom inisslu suspett f'dik it-terza persuna li l-istess direttur ma kienx debitament awtorizzat li jorbot lill-kumpannija.*

*...*

*Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ċ-ċirkostanzi f'dan il-każ kienu altru biżżejjed sabiex iwasslu għall-konvinċiment morali u legali tar-rikorrent illi Dr. Albert Caruana kellu s-setgħa li jiffirma l-kuntratt t'impjieg tar-rikorrenti għan-nom tal-kumpanija. Dan mhux biss għaliex Dr. Albert Caruana kien General Manager tas-soċjetà intimata, u kien inkarigat minn, fost oħrajn, l-ingaġġar t'impjegati, iżda speċjalment*

*għaliex ir-rikorrent kien fl-impjieg tas-soċjetà intimata mill-1 ta' Settembru 2014 sat-30 ta' Settembru 2014, u ċjoè għal ftit aktar minn erba' snin, sakemm sar it-trasferiment tan-negozju ma' Montekristo Direct Limited. Anke meta sar dan it-trasferiment, l-impjieg tar-rikorrent ġie trasferit lil Montekristo Direct Limited skont il-liġi, mingħajr ma qamu ebda kwistjonijiet rigward il-validità tal-kuntratt t'impjieg tar-rikorrent, u r-rikorrent baqa' impjegat ma' Montekristo Direct Limited sal-24 t'Ottubru 2016.*

*Il-Qorti tqis għalhekk illi kieku kellu jiġi aċċettat illi Dr. Albert Caruana ma kellux is-setgħa li jorbot il-kumpanija, li l-fatt li s-soċjetà intimata żammet lir-rikorrent fl-impjieg tagħha għal dawk is-snin kollha, neċessarjament ifisser illi hija rratifikat il- qagħda taċitament. Ikkonsidrat illi r-rikorrent għamel snin jitħallas paga regolari mingħand is-soċjetà intimata, huwa verament inverosimili illi s-soċjetà intimata qatt ma saret taf bir-rikorrent. Bħal m'huwa wkoll inverosimili illi ma kinitx taf bil-kuntratt tiegħu, meta, sabiex ir-rikorrent jitħallas il-paga mensili tiegħu, kopja tal-kuntratt tiegħu kellha neċessarjament tkun f'idejn is-soċjetà intimata sabiex id-dipartiment appożitu jkun jista' jista' jaffettwa l-ħlas tas-salarju tiegħu kull xahar.*

*Il-Qorti rat illi skont klawsola 5.1.3 tal-kuntratt t'impjieg tar-rikorrent, huwa kien intitolat għal commission ta' 2% fuq il-valur ta' bejgħ oltre €6,000 li jkun għamel is-sales team. Il-Qorti eżaminat il-komputazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti, u sabet illi huwa minnu li r-rikorrent hu dovut €12,384.33, kif jidher mill-iskeda li ġejja:*

*...*

*Dawn jammontaw għal €15,522.28 li minnhom iridu jinqatgħu €2,300 li ġew imħallsa lir-rikorrenti b'total finali ta' €13,222.28.*

*Minkejja illi jidher illi r-rikorrenti għandu jieħu 'l fuq minn dak li talab u ċjoè 'l fuq minn €12,684.33, din il-Qorti hija prekluża milli takkorda aktar mis-somma mitluba.*

*Għaldaqstant, l-eċċezzjonijiet fil-mertu tas-soċjetà intimata huma infondati u qed jiġu miċħuda.»*

8. Il-kumpanija konvenuta appellat minn din is-sentenza fil-5 ta' Novembru, 2018 u ressqet tliet aggravji fejn fihom ilmentat: (i) li l-Ewwel Qorti ma kinitx kompetenti biex tisma' l-kawża; (ii) li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni ħażina tal-liġi dwar it-trasferimenti ta' negozju; u (iii) li l-Ewwel Qorti ma ħaditx qies tajjeb tal-provi u għalhekk ma messhiex

laqgħet it-talbiet tal-attur għaliex il-każ tiegħu baqa' ma ġiex pruvat.

9. L-attur wieġeb għal dan l-appell fil-5 ta' Diċembru, 2018, u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn huwa jemmen li l-appell tal-kumpanija appellanti għandu jiġi miċħud.

10. Inżamm smigħ fit-23 ta' Marzu, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Kif ingħad aktar kmieni, fl-**ewwel aggravju** tagħha l-kumpanija konvenuta qiegħda tilmenta mis-sentenza parzjali mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Mejju, 2016, li permezz tagħha hija ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħha u b'hekk iddeċidiet li hija kienet kompetenti biex tisma' l-kawża mressqa mill-attur. Hija tgħid li l-azzjoni tal-attur hija msejsa fuq allegat ksur ta' kundizzjoni ta' impjieg u għalhekk, skont l-**Artikolu 75(1)(b) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif kien fis-seħħ meta tressqet il-kawża, din l-azzjoni hija waħda li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

12. Il-kumpanija appellanti tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti ħadet pożizzjoni x'aktarx kontradittorja fis-sentenzi tagħha. Hija tgħid li fis-

sentenza tas-16 ta' Mejju, 2016, l-Ewwel Qorti sabet li l-ħlas ta' kummissjonijiet ma kienx kundizzjoni ta' impjieg u għalhekk l-azzjoni tal-attur kienet sempliċement waħda ta' talba għall-ħlas. Madankollu, skont il-kumpanija appellanti, fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2018, l-Ewwel Qorti marret kontra l-pożizzjoni li kienet ħadet fis-sentenza tas-16 ta' Mejju, 2016 għaliex fiha hija għarfet li l-kummissjonijiet kienu parti mill-kundizzjonijiet ta' impjieg sabiex tiġġustifika ċ-ċaħda tat-tieni eċċezzjoni tagħha. Hija tisħaq li l-kummissjonijiet huma parti mill-ħlas li jagħmel prinċipal lill-impjegat tiegħu għax-xogħol imwettaq minnu skont il-kuntratt ta' impjieg, u b'hekk, bħall-paga, il-kummissjonijiet huma kundizzjoni ta' impjieg. Għalhekk, skont il-kumpanija appellanti, huwa t-Tribunal Industrijali li għandu l-kompetenza li jisma' din il-kawża u mhux l-Ewwel Qorti.

13. Illi huwa prinċipju aċċettat li l-qrati ċivili fil-kompetenza ordinarja tagħhom għandhom is-setgħa li jisimgħu u jaqtgħu dwar kull kwistjoni ta' għamla ċivili, sakemm is-setgħa dwar dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet mogħtija lil tribunal speċjali b'liġi apposta (ara ***Angelo Attard v. Gianmarì Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Ottubru, 1994). Fi kliem ieħor, il-qrati ċivili għandhom is-setgħa li jiddeċiedu kull materja ta' natura ċivili sakemm din ma tkunx riżervata b'liġi miktuba lil xi tribunal jew bord speċjali (ara ***Joseph Fenech et v. Rev. Saċ. Prof. Serafino Zarb noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta'

Mejju, 1952 u ***Saviour Mifsud et v. Alfred Lucia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-14 ta' Lulju, 2004).

14. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll, li jekk is-setgħa tal-Qorti toħroġ minn imqar waħda mit-talbiet tal-atturi, allura xejn ma jkun jiswa li fit-talbiet l-oħrajn, meħuda individwalment, il-kompetenza tkun dik tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata (***Vincenzo Carabott et v. Avukat Dottor John Gouder et noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 1951 u ***Albert Mamo et v. Rosalina Zammit*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar, 2001).

15. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-kumpanija appellanti qiegħda ssostni fl-ewwel aggravju tagħha, li t-talba tal-attur marbuta mal-ġbir tal-kummissjonijiet allegatament dovuti lilu skont il-kuntratt tal-impjieg taqa' fil-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali kif regolata bl-**Artikolu 75(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta**.

16. Billi din il-kawża tressqet mill-attur fl-2015, wieħed irid jara x'kienet tgħid il-liġi dakinhar. Dan qed jingħad għaliex bl-**Att LVI tal-2020** ġiet imwessa' ftit aktar il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali biex dan jisma' wkoll każijiet ta' ħlasijiet dovuti lill-prinċipal tax-xogħol jew lill-impjegat f'każ li kuntratt definit jiġi mitmum qabel iż-żmien.

17. Fl-2015, meta ġiet ippreżentata din il-kawża, l-**Artikolu 75(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta** kien jaqra hekk:

> *«75.(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*
>
> *(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*
>
> *(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu.»*

18. Il-każ imressaq mill-attur m'għandu x'jaqsam xejn ma' tkeċċija inġusta u għalhekk ma jaqax taħt l-**Artikolu 75(1)(a)**. Li rridu naraw mela huwa jekk il-każ tal-attur dwar ħlasijiet ta' kummissjonijiet jaqax taħt l-**Artikolu 75(1)(b)**.

19. L-**Artikolu 75(1)(b)** jagħti ġurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biex jisma' dawk il-każijiet li skont it-**Titolu I tal-Kap. 452** jaqgħu fil-kompetenza tat-Tribunal. Minn kliem il-liġi, huwa ċar li din ma tagħtix ġurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biex dan jiddeċiedi fuq kull suġġett misjub fit-**Titolu I tal-Att**. Mod ieħor, it-Tribunal Industrijali għandu s-setgħa esklussiva li jistħarreġ biss dawk il-materji li t-**Titolu I** speċifikatament jgħid li għandhom jinstemgħu mit-Tribunal.

20. Dan kollu ġie mfisser b'mod mill-aktar ċar fis-sentenza ***Karmenu Vella v. General Workers' Union***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru, 2011, *viz*. illi mhux it-taqsimiet kollha tat-**Titolu I tal-Att**

jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni eskussiva tat-Tribunal Industrijali, imma dawk biss li skont it-Titolu I jaqgħu fil-kompetenza tat-Tribunal (ara wkoll ***Waldemar David Galea v. Università ta' Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-25 ta' Jannar, 2019).

21. Il-mistoqsija li allura tqum hawnhekk hija din: liema huma dawk il-każijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-**Titolu I tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta** u li għalhekk għandhom jiġu mistħarrġa esklussivament mit-Tribunal Industrijali?

22. Minn qari tad-dispożizzjonijiet misjuba fit-**Titolu I tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa biss l-**Artikolu 30** li jipprovdi dwar it-tressiq ta' ilment quddiem it-Tribunal Industrijali. Is-**sub-inċiż (1)** ta' dan l-**Artikolu** jaqra hekk:

> *«Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.»*

23. Dan ifisser li huma biss il-materji li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-**Artikoli 26, 27, 28** jew **29 tal-Att**, li bis-saħħa tal-**Artikolu 75(1)(b)**, kif kien fis-seħħ meta saret il-kawża, setgħu jiġu mistħarrġa esklussivament mit-Tribunal Industrijali f'dak iż-żmien. Madankollu, mhux l-istess jista' jingħad dwar suġġetti oħra li l-liġi ma tgħidx l-istess dwarhom.

24. Tassew, li kieku kull suġġett imsemmi fit-**Titolu I** kellu jiġi mistħarreġ b'mod esklussiv mit-Tribunal, kif targumenta l-kumpanija konvenuta fl-appell tagħha, ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa li din il-ġurisdizzjoni tiġi speċifikata fl-**Artikolu 30**. Joqgħod eżatt dak imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Karmenu Vella v. General Workers' Union*** ġa fuq imsemmija:

> *«Dan ifisser li l-materji li jaqgħu taħt il-provvedimenti tal-Artikoli 26, 27, 28 jew 29 tal-Att, bis-saħħa tal-Artikolu 75(1), jaqgħu li jkunu kkunsidrati esklussivament mit-Tribunal Industrijali, iżda mhux hekk jista' jingħad għall-materji oħra fejn il-liġi ma tipprovdix similment. Dan l-Artikolu 30 jagħti affidament lill-konklużjoni milħuqa mill-ewwel Qorti, li magħha din il-Qorti taqbel, għax li kieku kull materja milquta mit-Titolu I taqa' li tkun ikkunsidrata b'mod esklussiv mit-Tribunal, ma jkunx hemm bżonn li din il-ġurisdizzjoni tiġi ripetuta għall-fini tal-artikoli msemmija fl-Artikolu 30. Issa, t-talbiet tal-attur f'din il-kawża ma humiex marbuta ma' xi artikolu tal-liġi li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali skont it-Titolu I. It-talbiet jirreferu għall-ħlas ta' paga skont il-kuntratt ta' impieg tal-attur, u ħlas għall-vacation leave. Il-materji jidħlu li jkunu kkonsidrati fil-kuntest ta' Titolu I (Relazzjonijiet dwar l-Impiegi), però, minn imkien f'dan it-Titolu ma tissoġġetta din il-kwistjoni biex tiġi kkonsidrata b'mod esklussiv mit-Tribunal. Dan it-Tribunal huwa bord b'ġurisdizzjoni speċjali u ma għandux jingħata setgħa li ma ġiex espressament konferit lilu bis-saħħa tal-liġi. It-Titolu I ma jagħtix "saħħa" lit-Tribunal Industrijali għall-materji kollha regolati b'dak l-istess Titolu, u fejn allura ma hemmx din l-attribuzzjoni, il-ġurisdizzjoni ta' dawn il-qrati mhix eskluża.»*

25. It-Tribunal Industrijali huwa korp b'ġurisdizzjoni speċjali u ma għandux jingħata setgħa li ma ġietx espressament mogħtija lilu bis-saħħa tal-liġi.

26. Sewwasew fil-każ tal-lum, it-talba tal-attur dwar ħlasijiet ta' kummissjonijiet ma tinkwadra ruħha fl-ebda wieħed mill-**Artikoli 26, 27, 28** jew **29 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan hu hekk għaliex l-

**Artikolu 26** jitkellem dwar diskriminazzjoni u ugwaljanza bejn is-sessi, l-**Artikolu 27** jitkellem dwar xogħol ta' valur ugwali, l-**Artikolu 28** jitkellem dwar vittimizzazzjoni u l-**Artikolu 29** jitkellem dwar għoti ta' fastidju.

27. Ifisser għalhekk, li l-każ tal-attur dwar il-ħlas ta' kummissjonijiet joħroġ 'il barra mill-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

28. Fit-trattazzjoni tiegħu li saret waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu, 2023, l-avukat Franco Galea għall-kumpanija appellanti għamel referenza għad-digriet fl-ismijiet ***Mark Formosa v. Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et***, mogħti mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju, 2020, għas-sentenza fl-ismijiet ***Antonia K/A Tayna Mifsud v. No Deposit Cars Malta Limted et***, li ġiet deċiża mit-Tribunal tat-Talbiet Żgħar fit-28 ta' Jannar, 2021 u għas-sentenza fl-ismijiet ***Farrugia Textiles Limited v. Ian Attard***, li ġiet deċiża mit-Tribunal tat-Talbiet Żgħar fil-25 ta' Novembru, 2022, u ssottometta li dak li ngħad fihom għandu jwassal lil din il-Qorti biex tilqa' dan l-ewwel aggravju.

29. Jingħad minnufih li dawn ir-riferenzi li għoġbu jagħmel l-avukat tal-kumpanija appellanti ma jgħinu xejn f'din il-kawża u din il-Qorti anzi jisgħobbiha li qagħdet titlef il-ħin tagħha biex tmur tfittixhom. L-ewwel deċiżjoni ta' ***Mark Formosa*** kienet tolqot in-natura ta' impjieg tiegħu fis-servizz pubbliku, kwistjoni din li hija totalment differenti mix-xorta tal-

kawża li għandha quddiemha din il-Qorti. Fit-tieni deċiżjoni ta' ***Antonia K/A Tayna Mifsud*** ma ġie deċiż xejn li jmiss mal-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Fl-aħħar nett, it-tielet deċiżjoni ta' ***Farrugia Textiles Limited*** kellha x'taqsam mal-emendi li daħlu fl-**Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta** (i.e. wara li nfetħet din il-kawża), b'riħet l-**Att LVI tal-2020**, li ġebbdu l-kompetenza tat-Tribunal Industrijali f'każijiet dwar ħlasijiet dovuti lill-prinċipal tax-xogħol jew lill-impjegat f'każ li kuntratt definit jiġi mitmum qabel iż-żmien taħt l-**Artikolu 36 (11) u (12) tal-Kap. 452.** F'kull każ, dawn is-sub-inċiżi, li jgħoddu għall-kuntratt definit, xorta ma japplikawx għall-każ tal-lum peress li l-attur kellu kuntratt indefinit (ara l-*employment history* tal-attur maħruġ minn Jobsplus f'paġna 70 tal-atti tal-kawża).

30. Jiġi b'hekk, li dawn id-deċiżjonijiet ma jistgħu jkunu tal-ebda fejda għall-kumpanija appellanti.

31. Jerġa' jingħad li f'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob lill-kumpanija konvenuta tħallsu l-kummissjonijiet skont il-kuntratt ta' impjieg tiegħu. Lil hinn mill-argument imressaq mill-kumpanija appellanti dwar jekk il-ħlas ta' kummissjonijiet lill-impjegat huwiex kundizzjoni ta' impjieg bħalma hija l-paga li għandha titħallas lill-impjegat, il-Qorti tqis li t-**Titolu I tal-Kap. 452** imkien ma jipprovdi (jew kien jipprovdi) li kwistjonijiet dwar ħlas ta' pagi, *performance bonus* jew kummissjonijiet lill-impjegati għandhom jiġu

mistħarrġa b'mod esklussiv mit-Tribunal u għalhekk jaqgħu fil-kompetenza tal-qrati ordinarji (ara ***Neville Bonnici v. Satabank p.l.c. et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-13 ta' Ottubru, 2021, ***Paul Pace v. Meat Point Manufacturing Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-23 ta' Settembru, 2020, ***Adrien Malgonne v. Hosi Malta Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-17 ta' Ġunju, 2020 u ***Ian Falzon v. Awtorità tat-Trasport f'Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-11 ta' Frar, 2019).

32. Kif rajna, it-**Titolu I** ma jagħtix is-setgħa lit-Tribunal Industrijali li jistħarreġ is-suġġetti kollha regolati bl-istess **Titolu**, u b'hekk, fejn m'hemmx din l-awtorità, huma l-qrati ordinarji li għandhom il-ġurisdizzjoni biex jisimgħu t-tilwimiet legali. Jinżel b'hekk, li tilwima dwar ħlas ta' pagi jew kummissjonijiet lill-impjegat għandha tiġi mistħarrġa mill-qrati ordinarji u mhux mit-Tribunal Industrijali.

33. Minn dan isegwi li l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta ma kinitx waħda siewja u għalhekk l-ewwel aggravju tagħha qiegħed jiġi miċħud.

34. Ngħaddu issa biex inqisu t-**tieni aggravju** tal-kumpanija appellanti fejn hija tilmenta li l-Ewwel Qorti applikat il-liġi b'mod ħażin, meta ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tagħha dwar l-illeġittimità passiva tagħha għall-azzjoni

mressqa mill-attur. Filwaqt li hija ttenni li hemm qbil bejn il-partijiet, li fl-1 ta' Ottubru, 2014 kien seħħ trasferiment ta' negozju bejn il-kumpanija appellanti u Montekristo Direct Limited, hija tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tapplika għal dan il-każ l-**Artikolu 38 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta** u r-**regolament 3A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85**, iżda mhux ir-**regolament 3B** tal-istess **Leġislazzjoni Sussidjarja**.

35. Hija ssostni li r-**regolament 3B** daħal fis-seħħ wara li sar it-trasferiment tan-negozju msemmi u li l-Ewwel Qorti għamlet ħażin meta applikat l-**Artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni** u tat effett retroattiv lil dan ir-regolament. Tisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-**Artikolu 9** hawn fuq imsemmi, iżda minfloku kellha tapplika l-**Artikolu 12** tal-istess **Att**, li għandu effett leġislattiv għalkollox kuntrarju għal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti.

36. Iżżid tgħid li meta sar it-trasferiment tan-negozju, il-liġi kienet tipprovdi li l-prinċipal il-ġdid kellu jwieġeb għal kull pendenza li seta' kellu l-impjegat, kemm dik li tkun tnisslet mill-impjieg oriġinali u kif ukoll minn dak li jkun segwieh. B'hekk, fil-fehma tagħha, kienet Montekristo Direct Limited li kellha twieġeb għat-talbiet tal-attur u mhux hi.

37. Din il-Qorti tqis li skont l-**Artikolu 38(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet** ta' Malta, meta jseħħ trasferiment ta' negozju, kull persuna li tkun tinsab

f'impjieg ma' min jittrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju, għandha titqies li tkun fl-impjieg ta' min jirċievi n-negozju, u minn hemmhekk dak li jkun irċieva n-negozju jibda jġorr id-drittijiet u l-obbligi kollha, li min jittrasferixxi jkollu fir-rigward tal-impjegati tiegħu. Kemm hu hekk, min jirċievi n-negozju jrid ikompli jħares il-pattijiet u l-kondizzjonijiet miftiehma b'xi ftehim kollettiv, bl-istess mod kif dawn kienu applikabbli għal dak li jkun ittrasferixxa n-negozju (ara l-**Artikolu 38(3) tal-Kap. 452**).

38. Dan huwa rifless ukoll fir-**regolament 3A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85**, li meta seħħ it-trasferiment tan-negozju fit-30 ta' Settembru, 2014 minn Montekristo Vineyards Limited għal Montekristo Direct Ltd, kien jgħid hekk:

> *«Wara trasferiment, il-kuntratt tal-impieg ta' kull persuna li kienet ġiet impjegata minn min qed jittrasferixxi għandu jkollu effett daqs li kieku sar oriġinarjament bejn il-persuna hekk impjegata u l-persuna li qed tirċievi t-trasferiment.*
>
> *(2) Mat-tlestija tat-trasferiment, id-drittijiet, is-setgħat, l-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha ta' min jittrasferixxi, u li joħorġu minn jew huma konnessi ma' xi kuntratt tal-impieg kif imsemmi fis-subregolament (1) għandhom jiġu trasferiti lil min jirċievi t-trasferiment:*
>
> *Iżda min jittrasferixxi għandu responsabbiltà ċivili illi jirrifondi lil min jirċievi t-trasferiment għal ħlas ta' xi bonuses statutorji u income supplements skont il-liġi li huma relatati mal-perjodu fl-impjieg ma' min jittrasferixxi iżda li l-ħlas tagħhom jaqa' f'data meta l-impjegat ikun l-impjegat ta' min jirċievi t-trasferiment, u ħlas għad-dritt tal-leave annwali fuq bażi pro rata li ma jkunx ittieħed fil-perjodu tal-impjieg ma' min jittrasferixxi fir-rigward ta' dak il-perjodu li matulu min jittrasferixxi kien il-prinċipal, filwaqt illi min qed jittrasferixxi għandu jkollu d-dritt ċivili illi jiġi rrimborsat minn min qed jirċievi t-trasferiment fir-rigward ta' xi leave annwali li jkun ingħata lill-impjegat minn min qed jittrasferixxi qabel id-data ta' trasferiment illi jkun qabeż, bħala ammont, l-intitolament pro rata tal-leave annwali sad-data tat- trasferiment...»*

39. Aktar tard, fit-30 ta' Diċembru, 2014, jiġifieri madwar xahrejn u nofs wara li seħħ it-trasferiment tan-negozju inkwistjoni, fil-**Leġislazzjoni Sussidjara 452.85** ġie miżjud ir-**regolament 3B**, li jipprovdi kif ġej:

> *« Min jittrasferixxi għandu jħallas u jonora kull debitu li hu dovut lil impjegati affetwati bit-trasferiment fir-rigward tar-relazzjoni ta' impieg li għandhom ma' min jittrasferixxi fir-rigward ta' pagi, pro rata bonuses u weekly allowances dovuti sat-tmiem tar-relazzjoni ta' impieg ma' min jittrasferixxi, sad-data tal-ħlas ta' pagi li jkun imiss u li tkun immedjatament wara it-trasferiment tan-negozju jew ta' parti min-negozju li kienet ser tkun id-data tal-ħlas ta' pagi li jkun imiss kieku l-impjegati konċernati baqgħu f'relazzjoni ta' impieg ma' min jittrasferixxi.»*

40. Din il-Qorti tisħaq minnufih li l-Ewwel Qorti qieset tajjeb li skont l-**Artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta)**, ir-**regolament 3B** hawn fuq imsemmi għandu jitħaddem b'mod retroattiv. Tassew, ladarba dan l-**Artikolu 9** jipprovdi li kull liġi magħmula bis-saħħa ta' Att mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ tal-**Kap. 249**, għandha tkun retroattiva, ir-**regolament 3B** għandu jitqies li ġie fis-seħħ fl-istess jum li ġie fis-seħħ il-**Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta**. L-**Artikolu 12 tal-Kap. 249**, li fuqu l-kumpanija appellanti ssejjes l-aggravju tagħha ma jista' jkollu l-ebda applikazzjoni għar-**regolament 3B**, għaliex dan l-**Artikolu** jitkellem dwar l-effetti ta' tħassir u emendi fl-Atti (jiġifieri fil-liġijiet primarji) u mhux fil-liġijiet sussidjarji.

41. Ifisser b'hekk li l-Ewwel Qorti kienet siewja meta applikat ir-**regolament 3B** għal dan il-każ.

42. Lil hemm minn dan, il-Qorti tqis li minn qari tal-**Artikolu 38 tal-Kap. 452** u tar-**regolament 3A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85**, jidher biċ-ċar li qabel ma ddaħħal ir-**regolament 3B** fil-**Leġislazzjoni Sussidjarja**, il-liġi kienet titkellem biss dwar min kellu jerfa' l-jeddijiet u l-obbligi fir-rigward tal-ħaddiem mill-mument li jseħħ it-trasferiment tan-negozju. Sa dakinhar il-liġi kienet siekta dwar min kellu jinżamm responsabbli għad-dejn li jinġema' favur l-impjegat qabel ma jkun sar it-trasferiment tan-negozju.

43. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hemmx dubju li l-leġislatur Malti ried, li għal min jirċievi n-negozju: il-jeddijiet u l-obbligi favur l-impjegat kellhom jidħlu fis-seħħ *ex nunc* (i.e. minn hemm 'il quddiem) mid-data li fiha jsir it-trasferiment tan-negozju. Kieku ma kienx hekk, il-leġislatur Malti kien jagħmel bħal dak Ingliż u kien jagħmilha ċara li min jirċievi negozju kellu jkun responsabbli wkoll għal kull għemil jew ommissjoni min-naħa ta' min jittrasferixxi, li jkun seħħ qabel ma jsir it-trasferiment tan-negozju (ara r-**regolament 4 tat-*Transfer of Undertakings (Protection of Employment) Regulations 2006*** tar-Renju Unit).

44. Minbarra dan, li kieku dakinhar li seħħ it-trasferiment tan-negozju inkwistjoni, il-liġi tabilħaqq kienet tipprovdi li min jirċievi n-negozju kellu jwieġeb għal kulma kien dovut lill-impjegat min-naħa ta' min jittrasferixxi,

hekk kif qiegħda tirraġuna l-kumpanija appellanti, il-leġislatur Malti ma kien ikollu l-ebda ħtieġa li jdaħħal ir-**regolament 3B** fil-**Leġislazzjoni Sussidjara 452.85**. Tassew, li kieku l-interpretazzjoni tal-**Artikolu 38 tal-Kap. 452** u tar-**regolament 3A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85,** kif magħmula mill-kumpanija appellanti hija waħda tajba, ir-**regolament 3B**, li jitfa' fuq min jittrasferixxi n-negozju d-dmir li jħallas il-pagi, *pro rata bonuses* u *weekly allowances* li jkunu dovuti sakemm tintemm ir-relazzjoni ta' impjieg minn miegħu, jispiċċa jikkontradixxi dak li skont il-kumpanija appellanti jgħidu l-**Artikolu 38** u r-**regolament 3A**, hawn fuq imsemmija.

45. Fuq kollox, il-kriterju meħtieġ għall-interpretazzjoni ta' liġi li tkun qiegħda tiġi mitħaddta huwa dak li l-liġi trid titqies bħala ħaġa waħda sħiħa u strutturata. Għalhekk, bħala prinċipju ġenerali, min jinterpreta l-liġi għandu jfittex it-tifsira tajba tagħha wara li jqis kemm id-diversi partijiet ta' dik l-istess dispożizzjoni, kemm id-diversi dispożizzjonijiet tal-istess liġi, u kif ukoll, fejn meħtieġ, dak li jgħidu numru ta' liġijiet meta moqrija flimkien (ara ***Malta International Airport plc v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Appell Inferjuri, 23 ta' Frar, 2005, ***The Waterfront Hotel Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005 u ***Clover Holdings Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Appell Inferjuri, 28 ta' Marzu, 2008).

46. Minn dak li rajna huwa evidenti li minn lenti loġika, l-interpretazzjoni li l-kumpanija appellanti qiegħda tagħti lil-liġi, mhijiex waħda li timxi id f'id mar-rieda tal-leġislatur.

47. Terġa' u tgħid, anke li kieku stess, għall-ġieħ tal-argument biss, din il-Qorti kellha tqis li r-**regolament 3B** ma jgħoddx għal dan il-każ, ladarba ma hemm l-ebda artikolu jew regolament ieħor taħt il-**Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta** li jitkellem dwar id-djun li jkunu dovuti lill-impjegat miż-żmien li jiġi qabel iseħħ trasferiment ta' negozju skont l-**Artikolu 38 tal-Kap. 452**, biex jiddetermina min huwa responsabbli għall-ħlas tal-kummissjonijiet mitluba mill-attur - jekk hux min ittrasferixxa n-negozju jew min irċieva n-negozju - wieħed jeħtieġlu jistrieħ fuq il-prinċipji tal-istitut tan-novazzjoni, kif misjuba fil-**Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

48. Il-Qorti tqis li n-novazzjoni sseħħ, fost ċirkostanzi oħra, meta debitur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, li min-naħa tiegħu jiġi meħlus mill-kreditur. In-novazzjoni mhijiex preżunta; anzi l-intenzjoni li din isseħħ trid tkun waħda ċara u f'każ ta' dubju għandha tiġi eskluża. Il-ħelsien tad-debitur oriġinali jrid ikun wieħed espress u trid tirriżulta min-naħa tal-kreditur l-intenzjoni ċara li jeħles lid-debitur oriġinali (ara l-**Artikolu 1183 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Minbarra dan, m'hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tiġix maqtula (ara ***Paul Koludrovich v. Carmelo Muscat***, Appell Superjuri, tal-25 ta' Mejju, 1956, ***C&B***

***Autoparts Ltd v. Caroline Spiteri et***, Appell Superjuri, 1 ta' Lulju, 2005 u ***Idea Casa Company Limited v. Allan Magro et***, Appell Superjuri, 20 ta' Lulju, 2020).

49. Fil-każ tagħna, ma tressqet l-ebda prova li l-attur kien ħeles lill-kumpanija appellanti mill-obbligu li tħallsu l-kummissjonijiet dovuti lilu meta din għaddiet in-negozju tagħha lil Montekristo Direct Limited. Din ir-rieda tal-attur li jeħles lill-kumpannija appellanti ma tirriżulta minn imkien. B'hekk, din ir-rieda la hija taċita u wisq inqas espressa. Anzi l-fatt waħdu li l-attur mexxa b'din il-kawża kontra l-kumpanija appellanti u mhux kontra Montekristo Direct Limited, ikompli juri li huwa qatt ma ħeles jew ried jeħles lill-kumpanija appellanti mill-obbligu li tħallsu l-kumissjonijiet.

50. Minbarra dan, l-att jew il-kitba tat-trasferiment tan-negozju ma tressaqx bħala prova f'din il-kawża u għalhekk il-kumpanija appellanti baqgħet ma ppruvatx liema kien l-attiv u l-passiv tagħha, li eventwalment għadda għand Montekristo Direct Limited. Jiġi b'hekk, li żgur li ma jistax jingħad li seħħet novazzjoni dwar id-dejn li huwa dovut lill-attur, u għalhekk l-Ewwel Qorti kkonkludiet tajjeb li hija l-kumpanija appellanti, li trid twieġeb għat-talbiet tiegħu.

51. Fid-dawl ta' dan kollu, it-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

52. Jifdal biss li jiġi mistħarreġ it-**<u>tielet aggravju</u>** tal-kumpanija appellanti fejn hija tilmenta li l-Ewwel Qorti wieżnet il-provi b'mod żbaljat. Hija tfisser li għalkemm l-attur sejjes il-każ tiegħu fuq kuntratt li ġie ffirmat minnu u minn Dr. Albert Caruana, dan tal-aħħar la qatt kien impjegat mal-kumpanija appellanti u lanqas kellu r-rappreżentanza legali jew ġuridika tagħha. Iżżid tgħid li għalkemm hija taqbel li l-attur kien impjegat tagħha, hija ma tagħrafx il-ftehim li ġie ffirmat bejnu u bejn Dr. Albert Caruana u l-kundizzjonijiet misjuba fih li l-attur isejjes il-kawża tiegħu fuqhom, fosthom dawk li jgħidu li huwa kellu jitħallas il-kummissjonijiet mingħandha. Fl-aħħar nett, hija tgħid li l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar kif hu ħadem il-kummissjonijiet li jgħid li huma dovuti lilu u kif ukoll naqas li jressaq prova tal-bejgħ li sar bil-ħidma tiegħu u tal-kummissjonijiet li kien irċieva fil-passat.

53. Din il-Qorti tqis li b'kuntratt magħmul fl-1 ta' Settembru, 2008 (ara paġni 18 sa 23 tal-atti tal-kawża), il-kumpanija appellanti impjegat lill-attur bħala institur tal-bejgħ. Skont il-klawsoli 5.1.3. u 5.1.4. ta' dan il-ftehim, il-kumpanija appellanti kienet intrabtet li fi żmien ħmistax-il jum mill-aħħar ta' kull xahar, hija tħallas lill-attur kummissjonijiet bir-rata ta' 2% fuq bejgħ magħmul mit-tim tal-bejgħ tagħha li kien jaqbeż is-€6,000 fix-xahar. Il-kumpanija appellanti ġiet rappreżentata fuq dan il-kuntratt minn Dr. Albert Caruana, li skont l-istess kuntratt kien qiegħed jidher f'isimha fil-kappell tiegħu bħala *Consulting General Manager*.

54. Għalkemm il-kumpanija appellanti tagħraf li l-attur kien impjegat tagħha, hija tgħid li l-ftehim bil-miktub li sar bejn l-attur u Dr. Albert Caruana fl-1 ta' Settembru, 2008 ma jiswiex għaliex Dr. Albert Caruana, la qatt kien impjegat tagħha u lanqas qatt kellu rappreżentanza legali tagħha.

55. Il-Qorti tqis li l-kwistjoni tas-siwi ta' kuntratti magħmulin minn persuni ġuridiċi, bħalma huma kumpaniji kummerċjali, flimkien ma' terzi, minħabba n-nuqqas ta' setgħa f'min jiffirmahom mhijiex waħda ġdida. In-nuqqas ta' setgħa tar-rappreżentanza ta' kumpanija m'għandux jintuża fil-konfront ta' terzi persuni kontraenti bħala raġuni biex il-kumpanija tfarfar mir-rabtiet kuntrattwali tagħha fuq dik it-teknikalità (ara l-**Artikolu 137(5) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenza fl-ismijiet ***Edwin Zammit et v. Group 9 Ltd et***, Appell Superjuri, 16 ta' Frar, 2004).

56. Kemm hu hekk, bis-saħħa tal-prinċipju tal-avviż siewi (*principle of constructive notice*), terza persuna li tinnegozja b'rieda tajba ma' funzjonarju ta' kumpanija kummerċjali hija meqjusa li taf x'jgħidu d-dokumenti pubbliċi ta' dik il-kumpanija. Iżda, f'dak li jirrigwarda dokumenti oħrajn, fosthom dawk li jirrigwardaw riżoluzzjonijiet interni tal-istess kumpanija li ma jkunux reġistrati b'mod pubbliku, dik it-terza persuna għandha l-jedd li tassumi li dak il-funzjonarju jkun awtorizzat jidher għall-

kumpanija, ukoll jekk dan fil-fatt ma jkunx minnu (ara ***Dr. Anthony Farrugia noe v. Vernie Carbone et***, Appell Superjuri, 30 ta' Mejju, 2001).

57. L-**Artikolu 137(5) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jqarreb ħafna lejn il-liġi Ingliża, li wkoll għandha l-għan li tipproteġi lit-terz li jinnegozja ma' rappreżentant ta' kumpanija u tiżgura li kumpanija tagħmel tajjeb għal min hu fdat bl-amministrazzjoni tagħha jew għandu pożizzjoni ta' responsabbiltà fit-tmexxija tagħha. Kemm hu hekk, fis-sentenza fl-ismijiet ***Catherine Galea et v. Milica Micovic nomine***, li ġiet deċiża fid-19 ta' Novembru, 2001, din il-Qorti siltet prinċipji minn kotba u sentenzi Ingliżi u kkunsidrat li:

> *«What remains a problem is the situation where a third party deals with an individual director whose authority to act on behalf of the company is disputed ................ For a third party to be able to hold the company to a transaction where he has dealt not with the board but with an individual director, officer or employee, it will be necessary for the third party to show that the individual with whom he dealt had authority, actual or ostensible, to bind the company in this way. Actual authority may be expressed or implied authority: express, arising from an explicit conferring of authority on a director, perhaps in the articles of association implied, arising from the position which the individual holds. Ostensible of apparent authority, on the other hand, is the authority of an agent as it appears to others." (**Company Law, Farrar's, Third Edition, 1991** page 374 et seq)*
>
> *Where the person through whom the third party dealt occupies a position in the company such that it would be usual for an occupant of that position to have authority to bind the company in relation to the transaction concerned, the company will be bound. The third party dealing with the company in good faith will be entitled to assume that that person has authority unless he knows the contrary or knows of facts which would have put a reasonable person on inquiry. Thus if the person acting for the company is its chief executive or managing director, then, despite the fact that the Act refuses to treat him as an organ of the company equivalent to the board of directors unless there are suspicous circumstances, or the transaction is of such magnitute*

> *as to imply the need for board approval, he may safely be assumed to be authorised. In practice, he will probably have actual authority but, even if he has not, he will have ostensible authority and his acts will bind the company.” (“**Freeman & Lockyer vs Buckhurst Park Properties Limited**” [1964]; **Gower's Principles of Modern Company Law, Sixth Edition**, 1997, pg. 201 et seq)»*

58. Meqjus dan, il-kumpanija konvenuta mhijiex siewja meta tgħid li Dr. Albert Caruana qatt ma kien impjegat tagħha. Fil-fatt, fl-1 ta' Awwissu, 2006, Dr. Albert Caruana daħal fi ftehim ma' Montekristo Winery (ara paġni 126 sa 132 tal-atti tal-kawża) biex iwettqilha servizzi bħala institur ġenerali (*general manager*). Il-firmatarju ta' Montekristo Winery fuq dan il-ftehim kien Charles Polidano. Aktar tard, bi ftehim ieħor tas-16 ta' Ottubru, 2006, Dr. Albert Caruana u Charles Polidano qablu li Caruana kellu jwettaq is-servizzi tiegħu skont il-ftehim tal-1 ta' Awwissu, 2006 lill-kumpanija appellanti (ukoll magħrufa bħala Montekristo Winery) permezz tal-kumpanija tiegħu AC Consultancy Services Ltd (ara paġna 133 tal-atti tal-kawża u x-xhieda ta' Dr. Albert Caruana f'paġni 117 u 118 tal-atti tal-kawża).

59. Dan kollu jagħmel sens għaliex skont l-*employment history* ta' Dr. Albert Caruana, kif maħruġa minn Jobsplus (ara 134 u 135 tal-atti tal-kawża), dan kien impjegat miegħu nnifsu ma' AC Consultancy Services Ltd bejn Novembru tas-sena 2006 u Diċembru 2008.

60. Il-fatt waħdu li meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' impjieg bejn l-attur u l-kumpanija appellanti, kif rappreżentata minn Dr. Albert Caruana, dan tal-

aħħar kien jimpjega lilu nnifsu u ma kienx impjegat mal-kumpanija konvenuta, ma jfissirx li huwa ma kellux is-setgħa li jirrappreżentaha fuq kuntratti ta' impjieg. Kemm hu hekk, skont il-kuntratt tal-1 ta' Awwissu, 2006, hawn fuq imsemmi, Dr. Albert Caruana kien responsabbli mir-reklutaġġ u mit-tkeċċija tal-ħaddiema (ara fuq wara ta' paġna 132 tal-atti tal-kawża). Minbarra dan, skont dokument maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpaniji, ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-kumpanija konvenuta kienet tinsab fid-diretturi tagħha, Carmel u Paul Polidano, li min-naħa tagħhom kellhom is-setgħa li jaħtru persuni oħra biex dawn jirrappreżentaw lill-kumpanija appellanti minflokhom (ara paġna 121 tal-atti tal-kawża).

61. Issa fil-każ tagħna Dr. Albert Caruana xehed li huwa kien ingħata s-setgħa biex jirrappreżenta lill-kumpanija appellanti f'dak li għandu x'jaqsam ma' reklutaġġ ta' ħaddiema. B'żieda ma' dan, skont l-istess Dr. Caruana, kien Charles Polidano li tah struzzjonijiet biex jimpjega lill-attur u jagħmillu kuntratt ta' impjieg bil-miktub (ara x-xhieda tiegħu f'paġni 118 u 119 tal-atti tal-kawża). Din ix-xhieda ta' Dr. Caruana baqgħet ma ġiet imwaqqa' qatt mill-kumpanija appellanti. Kemm hu hekk, hija ma ressqitx lil Charles Polidano biex jixhed u jxejjen dak li kien qal bil-ġurament Dr. Caruana.

62. Il-qorti tqis li Dr. Albert Caruana kien iffirma l-kuntratt ta' impjieg tal-

attur bħala institur ġenerali tal-kumpanija konvenuta u għalhekk l-attur ma kellux għax jiddubita s-setgħa li kellu Dr. Caruana biex jiffirma l-kuntratt ta' impjieg tiegħu. Wara kollox, huwa minn ewl id-dinja li institur ġenerali jkollu s-setgħa li jimpjega l-ħaddiema u jiffirma kuntratti ta' impjieg f'isem il-prinċipal tiegħu u la dan hu hekk skont l-**Artikolu 60 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**, il-kumpanija appellanti bħala prinċipal hija marbuta bl-obbligazzjonijiet li jkun ikkuntratta f'isimha l-institur tagħha (ara ***C & L Calleja Trading Ltd v. Victor Aquilina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-16 ta' Marzu, 2005).

63. B'żieda ma' dan, huwa magħruf ukoll li jekk il-kumpanija appellanti riedet tassew twaqqa' s-siwi tal-kuntratt tal-1 ta' Settembru, 2008, li ġie magħmul mal-attur, hija kien imissha ressqet kawża *ad hoc* biex tikseb dikjarazzjoni li dak il-kuntratt ma kellu l-ebda siwi. Fuq kollox, hija ma ressqitx eċċezzjoni li l-kuntratt inkwistjoni ma jiswiex iżda sempliċiment iddefendiet ruħha billi qalet li hija qatt ma kienet qablet li tħallas il-kummissjonijiet lill-attur. Għalhekk, is-sottomissjonijiet imressqa mill-kumpanija appellanti mhumiex biżżejjed biex din il-Qorti tqis li l-ftehim tal-1 ta' Settembru, 2008 ma kellu l-ebda saħħa. Sakemm ma hemmx dikjarazzjoni ġudizzjarja li dan il-ftehim ma jiswiex, din il-Qorti sejra tibqa' tqis li dak il-ftehim jgħodd u jorbot (ara f'dan is-sens ***Robert Desira Buttigieg v. Bay Street Holdings Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 16 ta' Frar, 2006).

64. Dwar l-ilment li ressqet il-kumpanija appellanti li l-attur ma ġab l-ebda prova, kemm ta' kif wasal għat-total ta' kummissjonijiet li jgħid li huma dovuti lilu, u kif ukoll dwar il-bejgħ li sar bil-ħidma tiegħu, il-Qorti tqis li l-attur ressaq u kkonferma bit-timbru tal-ġurament tiegħu, prospett tal-bejgħ li sar mit-tim tal-bejgħ tal-kumpanija appellanti għax-xhur ta' bejn Ottubru 2010 u Diċembru 2014. F'dan il-prospett hemm id-dettalji kollha dwar il-bejgħ li sar f'dan il-perijodu u l-mod ta' kif l-attur wasal għall-ammont ta' kummissjonijiet li huwa jgħid li huma dovuti lilu.

65. Huwa magħruf li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah (ara l-**Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Dan il-prinċipju jsib is-sies tiegħu fir-regola tradizzjonali li *«onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat»*. Regola bħal din tfisser b'ċertezza l-ħtieġa loġika li jitqiegħed fuq il-parti l-piż li din tressaq prova dwar il-fatti li tkun qiegħda tallega. Madankollu, dan il-piż mhuwiex mixħut biss fuq il-parti attriċi li għandha d-dmir li ġġib prova tajba dwar il-jedd imfittex minnha (*actore incumbit probatio*), iżda wkoll fuq il-parti konvenuta, li wkoll jeħtiġilha tressaq provi li jsaħħu d-difiża tagħha u jxejnu t-talbiet tal-parti attriċi (*reus in excipiendo fit actor*). Tassew, huwa fid-dover tal-parti konvenuta li din tressaq kontroprova għal dawk il-provi li jkunu tressqu kontriha u b'hekk tixħet lura l-piż tal-prova fuq il-parti attriċi (ara ***Francesca Mallia v. Salvatore Guillaumier***, Appell Ċivili, 12 ta' Jannar,

1962 u ***Peter Plant Limited v. Ramel u Żrar Limited***, Appell Inferjuri, 18 ta' Ottubru, 2006).

66. Darba li l-attur ressaq u ħalef l-imsemmi prospett, kien jaqa' fuq il-kumpanija appellanti li tikkontradixxi jew iġġib fix-xejn il-prospett imressaq mill-attur. Setgħet, pereżempju, tressaq kontijiet jew fatturi li jgħidu li mhuwiex minnu li f'dak il-perijodu kien sar dak il-bejgħ kollu mit-tim tal-bejgħ tagħha. Madankollu, hija m'għamlet xejn minn dan u għalhekk ma tistax tiġi f'dan l-istadju tal-appell u tilmenta li l-provi mressqa mill-attur ma kinux biżżejjed biex jintlaqgħu t-talbiet tiegħu.

67. Lanqas hija siewja s-sottomissjoni tal-kumpanija appellanti li l-attur ma ġab l-ebda prova li huwa rċieva xi kummissjonijiet mill-kumpanija appellanti fil-passat. Minbarra li l-attur ikkonferma dan fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Ottubru, 2016 (ara paġna 52 tal-atti tal-kawża), jitqies ukoll li Grace Cilia, li hija azzjonista ta' Montekristo Direct Limited, u ġiet imressqa bħala xhud mill-kumpanija appellanti stess, stqarret li meta hija ħadet it-tmexxija ta' din il-kumpanija mingħand il-kumpanija konvenuta, hija kienet ingħatat tagħrif mingħandha li l-attur kien tħallas xi kummissjonijiet fi flus kontanti (ara x-xhieda tagħha f'paġna 96 tal-atti tal-kawża). Jiġi b'hekk, li l-kumpanija appellanti ma tistax tgħid li hija qatt ma għamlet ħlas ta' kummissjonijiet lill-attur.

68. Għalhekk, fid-dawl ta' dak li ġie kkunsidrat hawn fuq, it-tielet aggravju tal-kumpanija appellanti qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-kumpanija appellanti.

L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad u kif ukoll dawk marbuta mal-appell, għandhom jitħallsu kollha mill-kumpanija Montekristo Vineyards Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm